MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2007

Appell Kriminali Numru. 212/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Spiteri Paris**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Spiteri Paris talli f'dawn il-Gzejjer fl-1 ta' Lulju 1997 u f'din l-ahhar sena qabel din id-data:

(1) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew

minn xi awtorita` moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga, u minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga;

(2) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija;

(3) Kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Awla 10, liema sentenza saret definittiva fl-24 ta’ Marzu 1995.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imsemmi Joseph Spiteri Paris ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-29 ta’ Mejju 2006 li permezz taghha dik il-Qorti hati ma sabitx lill-imsemmi Joseph Spiteri Paris hati tat-tielet imputazzjoni u minnha lliberatu izda sabitu hati ta’ l-ewwel u t-tieni imputazzjoni, bit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel wahda u, wara li rat l-artikoli 17(h) u 18 tal-Kap. 9, it-Taqsima 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i), 22(2)(b)(ii), 22(1B) u 29 tal-Kap. 101, ir-regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939 u l-artikolu 23 tal-Kap. 446, ikkundannatu ghal xahar prigunerija u mitt lira

Maltin (Lm100) multa u, peress illi ma nhatar l-ebda espert mill-Qorti, ma applikatx l-artikolu 533 tal-Kap. 9;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Joseph Spiteri Paris ipprezentat fit-8 ta' Gunju 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi (a) tikkonfermaha fil-parti fejn sabitu mhux hati tat-tielet imputazzjoni, (b) tikkonfermaha fil-parti fejn sabitu hati tat-tieni imputazzjoni (ta' pussess semplici) u konsegwentement tghaddi biex taghti dik is-sanzjoni lit kun tirrifletti din id-dikjarazzjoni, u (c) thassarha u tirrevokaha fil-parti fejn sabitu hati ta' l-ewwel imputazzjoni (dik ta' traffikar) u minnha tiddikjarah mhux hati u tilliberah skond il-ligi; u minghajr pregudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena jew sanzjoni aktar gusta u ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:
L-appellant ghandu zewg aggravji. L-ewwel aggravju jirrigwarda s-sejbien ta' htija dwar l-ewwel imputazzjoni meta, skond l-appellant, ir-rizultanzi processwali huma tali li ma jwasslux sal-grad tal-konvinciment morali. It-tieni aggravju, minghajr pregudizzju ghall-ewwel wiehed, huwa dwar il-piena li jsostni jimmerita temperament.

Kwantu ghall-ewwel aggravju, dan jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-

istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** naqraw ukoll (para. D22.15 pagna 1622):

**“The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**‘[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court’s powers to**

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

Issa, l-appellant jghid illi dan il-kaz jistrieh fuq zewg verzjonijiet, dik ta' l-appellant u dik ta' Darko Illic. Skond l-appellant, l-ewwel Qorti tat piz konsiderevoli lill-istqarrija tieghu stess, apparti dak li qal Illic, bhala r-raguni ghas-sejbien ta' htija dwar l-ewwel imputazzjoni. F'dan ir-rigward, l-appellant javvanza s-segwenti argumenti fir-rikors ta' appell tieghu:

*“(a) Illi l-istqarrija tal-esponent trid tinqara fl-isfond tac-cirkostanzi personali tal-esponent f’dak iz-zmien. Dan qed jinghad peress illi b’dak li xehed it-Tabib Psikjatra Joseph Spiteri, huwa aktar minn accettabbli li fiz-zmien de quo, l-esponent kien f’qaghda kritika, jabbuza mill-alkohol u d-droga. L-istat ta’ delirium u n-nuqqas ta’ lucidita` jispjegaw dik l-‘inaccuracy’ li donnha rabtet lill-esponent mal-imputazzjoni tat-traffikar. Sfortunatament, l-esponent dahal f’din il-bicca nkwiet minhabba tnejn minn nies li jabbuzaw mid-droga, u juzaw ir-residenza tieghu ghalhekk.*

*Illi l-esponent mhux qed jghid li l-istqarrija tieghu ghandha tigi skartata minhabba xi ksur tad-dispost tal-artikolu 658 tal-Kap. 9; li qed jghid hu li dik l-‘inaccuracy’ li xehed dwarha quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti hija frott il-kundizzjoni konfuzjonali, attribwibbli ghall-konsum akut tal-alkohol u d-droga, li kienet tirrenja f’mohhu fiz-zmien de quo. Ghalhekk wiehed ma jistax jiehu biss l-istqarrja tieghu sic et simpliciter, izda jehtieg li tigi analizzata l-verzjoni tieghu (konsistenti fl-istqarrija u fid-depozizzjoni tieghu bil-gurament) fl-intier taghha – biex imbaghad wiehed jista’ jasal jikkonkludi li tali verzjoni taghmel aktar sens u hija plawsibbli (u tinnewtralizza kompletament il-kwadru tal-fatti kif qed tipprova tinterpretahom il-prosekuzzjoni).*

*Illi bir-rispett f’dan ir-rigward jemergi argument iehor. L-ewwel Onorabbli Qorti rriteniet li l-verzjoni ta’ Darko Illic ghandha aktar mill-verita` u li x-xiehda tieghu issahhah it-tezi tal-prosekuzzjoni. L-esponent bir-rispett ma jikkondividix din il-pozizzjoni. Jigi mistoqsi ghalhekk li jekk kemm-il darba Darko Illic qed jghid il-verita` u, dato ma non concesso, li l-esponent qal li gharraf lil David Bonnici li god-dar tieghu kien hemm Darko Illic u li dan Illic kellu d-droga, kif allura l-imsemmi Darko Illic ma jghid xejn dwar dan kollu! Per ezempju ma jsemmi xejn dwar l-allegata telefonata min-naha ta’ David Bonnici. U kumbinazzjoni, kien wara li mar jaghmel xi qadjiet li mbaghad ra d-droga f’idejn David Bonnici.*

*Ghaliex m'ghandniex nemmnu li in effetti Darko Illic u David Bonnici, konvenjentement, spustaw ir-responsabbilta` fuq l-esponent!*

*(b) Illi Darko Illic huwa xhud neboluz; irid jghatti xturu, pero` bl-anqas dannu possibbli ghall-esponent. Wiehed ma jridx jinsa li l-esponent kien qal li kien Darko Illic li ssupplixxa lil David Bonnici bl-eroina u li kien l-istess Darko Illic li effettivament injetta lil David Bonnici. M'hemmx dubju li dan il-kwadru ta' fatti kienu jpoggu lill-imsemmi Darko Illic fi problema serja legali. Fic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, huwa kwazi impossibbli li ssir taf x'gara fil-verita`. U dan Darko Illic, ossia b'dak li qal, ma jsahhah xejn dak li seta' qal l-esponent fl-istqarrija tieghu. Anzi:*

*- la jghid xejn dwar l-allegata telefonata da parti ta' David Bonnici;*

*- u meta jigi ghall-kwistjoni dwar min ta d-droga lil David Bonnici, jghid biss li hu ma jafx ghax kien barra jaghmel xi qadi; izda fl-istess nifs jaghti wiehed x'jifhem li xi hadd kien halliha (d-droga) fuq il-mejda!*

*- u dwar l-allegat akkwist ta' droga minghand l-esponent, l-imsemmi Darko Illic jibqa' konfuzjonali u ma jikkonvincix – kemm ghal dak li jirrigwarda l-allegat fatt ta' ipprokurar, kif ukoll ghal dak li jirrigwarda z-zmien.*

*Illi minn dan kollu ghandu jirrizulta, dejjem bid-dovut rispett, li dikjarazzjoni ta' htija ghar-reat ta' traffikar tad-droga eroina fil-konfront tal-esponent hija wahda unsafe and unsatisfactory, u konsegwentement l-esponent ghandu jigi dikjarat mhux hati tar-reat ta' traffikar ta' droga eroina."*

L-ewwel Qorti kkonkludiet, mill-analizi li ghamlet ta' l-istqarrija ta' l-appellant u x-xiehda tieghu moghtija quddiemha, li l-ewwel zewg imputazzjonijiet kienu jirrizultaw minn dak li l-appellant qal fl-istqarrija tieghu. Tikkonkludi minnha li l-appellant (a) informa lil David Bonnici dwar min seta' jaghtih l-eroina u (b) din l-eroina

ghaddiet minn idejn l-appellant ghal idejn David Bonnici, b'dan li l-ewwel azzjoni kienet bizzejjed biex tinqabad bhala traffikar.

Mill-istqarrija ta' l-appellant fil-fatt jirrizulta illi huwa qal lill-Pulizija illi kien cempillu David Bonnici u saqsieh jekk kienx jiddubbalu nofs gramma eroina u li wiegbu li dak il-hin kien hemm Darko ghandu u kellu droga fuqu huwa stess u qal lil David Bonnici biex imur s'ghandu. Meta xehed quddiem l-ewwel Qorti pero` l-ewwel biddel il-verzjoni billi qal li kien cempillu l-imsemmi David Bonnici li saqsieh kienx jaf mnejn jista' jgib xi haga u l-appellant qal li wiegbu li kien waqaf u li ma kienx interessat. Kompla mbaghad jghid illi kien hemm Darko ghandu li saqsieh min kien fuq it-telefon u meta l-appellant qallu li kien David, Darko qallu jghidlu jmur s'hemm ha jkellmu u fil-fatt David mar. U l-appellant ikompli jghid: *"U qalli minn fejn ser ingib ftit David ghidtlu ma nafx jien u dan Darko qalli xi jrid? Ghidtlu xi haga. Qalli xi jrid? Saqsieh xi jrid. Ghidtlu xi trid Dave, qalli rrid nofs gramma. Ghidtlu jrid nofs gramma. Qabad pakkett u qeghduli hdejn il-komodina u qalli ghidlu hawn qeghda. Ghidtlu David hawn qieghda. Qabad dan u hadha u qieghed il-flus fuq il-komodina. Darko tah id-droga u qabad il-flus u tefaghhom fil-but u infatti l-flus sabuhom fuqu lil Darko."* Ftit wara pero` l-appellant gie mitlub mid-difensur tieghu stess biex jara l-istqarrija li kien ghamel lill-Pulizija u jghid jekk kienx hemm xi haga li ried jikkorregi u, wara li l-appellant ra l-istqarrija, qal li *"jidher li hu accurate"*. Ghalhekk l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li l-appellant kien ghadda informazzjoni lil David Bonnici dwar minn fejn seta' jakkwista l-eroina u tali azzjoni hija bizzejjed biex l-appellant jinstab hati ta' traffikar.

L-ewwel Qorti, pero`, tmur oltre u tghid illi minn dak li xehed Darko Illic u dak li xehed l-appellant temmen li fix-xhur ta' qabel l-1 ta' Lulju 1997 kien l-appellant illi forna lill-imsemmi Darko Illic. Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa x-xiehda ta' dan Darko Illic u ta' l-appellant u hija tal-fehma li ma jistax jigi konkluz minghajr dubju ragjonevoli li l-appellant verament kien iforni lill-imsemmi Illic bl-eroina fil-perijodu in kwistjoni peress illi ma tqisx l-imsemmi Illic

bhala xhud kredibbli. Hekk, dwar dak li sehh fl-1 ta’ Lulju 1997 jidher li kellu blokk mentali dwar x’gara dak inhar. Jghid illi l-appellant kien jaghmel karita` mieghu billi jipprovdilu sigaretti u ikel izda li kien seraq id-droga lill-appellant f’zewg okkazjonijiet. Jghid illi kien hemm okkazjonijiet meta kien ihallas – xi lira jew tnejn – meta hu maghruf illi l-eroina tqum ferm iktar minn hekk. L-appellant jikkonferma illi kien jaghmel karita` ma’ Illic billi jisilfu xi flus u jaghtih xi hwejjeg u anke jitimghu u li kien Illic li kien tah  droga xi darba jew darbtejn filwaqt illi huwa qatt ma ta lil haddiehor.

Frankament, minn ezami tax-xiehda u tal-provi prodotti, b’mod partikolari l-oggetti esebiti, dak li johrog huwa kaz ta’ tlett ihbieb, ossia konoxxenzi, li ltaqghu fl-1 ta’ Lulju 1997 ghand l-appellant sabiex jabbuzaw mill-eroina. Jekk l-appellant kien ilu, kif jghid hu, xahrejn wieqaf, ma kienx jippresta ruhu biex Illic u Bonnici jiltaqghu ghandu sabiex jabbuzaw mill-eroina huma biss. Ghalhekk dan huwa kaz evidenti ta’ *“sharing”* u meta l-appellant informa lil David Bonnici li seta’ jmur ghandu ghax kien hemm Illic bid-droga, l-intenzjoni kienet biex jixxerjaw dik id-droga.

F’dawn ic-cirkostanzi, in vista ta’ l-emendi introdotti bl-Att XVI tas-sena 2006, din il-Qorti sejra tapplika l-ewwel “izda” tas-subartikolu (9) ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u minflok piena ta’ prigunerija effettiva tissospendi l-ezekuzzjoni taghha b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal piena effettiva ta’ xahar prigunerija u minflok tikkundannah ghal xahar prigunerija liema sentenza m’ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta’ erba’ snin millum huwa jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta’ prigunerija, u tikkonfermaha fil-kumplament. Din il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem car ir-responsabbilita` tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.

Inoltre tattira l-attenzjoni tar-Registratur ghad-dmirijiet tieghu skond is-subartikolu (8) ta’ l-artikolu 28A tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------